MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 11/2008

A

Vs

B

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-6 ta’ Gunju 2008 li bih l-attrici qeghda titlob li z-zwieg li gie celebrat mal-konvenut fit-30 ta’ April 2000 fil-knisja ta’ FF jigi annullat ghaliex il-kunsens kien vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u drittijiet matrimonjali u/jew b’anomalija psikologika serja li jaghmilha impossibbli ghall-kontendenti li jaqdi d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg. Inoltre li l-kunsens ta’ l-attrici nkiseb bil-qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorta taghha

tfixkel serjament il-hajja mizzewga, u li l-kunsens inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Rat li ghalkemm il-konvenut gie notifikat bl-atti tal-kawza skond l-Artikolu 187 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) baqa' ma wegibx u lanqas deher ghas-seduta.

Rat l-atti kollha.

Semghet x-xiehda ta' l-attrici u rat ix-xiehda li tat fil-kawza ta' separazzjoni fl-ismijiet **A vs B** (Rikors numru: 5/2008) li giet deciza llum.

Ikkunsidrat:-

1. Il-kontendenti zzewwgu fit-30 ta' April 2000. Minn dan iz-zwieg twieldu C (10 ta' Marzu 2001) u D (18 ta' Mejju 2002). Zwieg li tista' tghid beda bl-inkwiet wara ftit xhur. Ix-xiehda li nghatat mill-attrici[1] hi konferma ta' kemm l-istil ta' hajja li ghazel li jghix il-konvenut ma kienx konsoni ma' dak li jitlob iz-zwieg. Hu evidenti li sa mill-bidunett il-konvenut ma kienx lest li jghix hajja ta' ragel mizzewweg. L-agir xejn ezemplari tieghu dahhal lill-familja tieghu f'inkwiet kbir. Ghalkemm fl-ewwel sentejn twieldu zewg itfal, il-qorti hi tal-fehma li fir-realta' zwieg qatt ma kien hemm. Il-konvenut kellu l-agenda tieghu u l-agir tal-konvenut hu konferma li ma kienx dispost li jidhol f'*commitment*.

2. Skond l-**artikolu 19 (1)(f):- "***jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*. Fis-sentenza **Theresa Taguri nee` Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe** (Cit. Nru: 3130/96/NA deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Novembru 1999) gie konfermat li:- ***"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-***

[1] Ara affidavit a fol. 12.

***sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni posittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda <u>setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens.</u>"***[2]. Meta taqra l-verzjoni li nghatat mill-attrici u x-xhieda li kkoraboraw il-verzjoni taghha, m'hemmx ombra ta' dubju li dan hu kaz fejn fir-realta' kien hemm l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg min-naha tal-konvenut. Il-mod kif il-konvenut ghex il-hajja ta' zwieg hu evidenti li ma kellu l-ebda hsieb li jkollu rabta'. Il-qorti temmen li l-konvenut dahal ghaz-zwieg mhux bil-hsieb li jidhol f'rabta' ghal dejjem u wisq inqas biex jaqdi l-obbligi li jgieb mieghu z-zwieg. Wara li l-qorti kellha l-opportunita' tisma' lill-attrici tixhed, hadet stampa ta' zwieg totalment minghajr affezzjoni matrimonjali min-naha tal-konvenut fejn baqa' jghix hajja ghal kollox indipendenti. Hu evidenti li l-konvenut ma kellu l-ebda intenzjoni li jhalli z-zwieg jkollu xi impatt fuq l-istil tal-hajja privata tieghu. Filwaqt li martu kienet qeghda tahdem sighat twal hafna u kellha tiehu hsieb it-tfal, zewgha kien qieghed ighix stil ta' hajja ferm differenti. Kien jaghmel granet Malta bl-iskuza li qieghed iqassam ix-xoghol u jigbor ordnijiet. Il-qorti hi moralment konvinta li dan l-atteggjament tal-konvenut ma zviluppax snin wara li gie celebrat iz-zwieg. Il-konvenut kien qieghed jghix f'realta' ohra fejn kien jaghti prijorita' ghal lussu, divertiment u hbiberiji zejda. In-nuqqas ta' stabbilita' fil-konvenut hi evidenti, u jidher bic-car li hu ma riedx jaf biz-zwieg. Atteggjament li ma kienx izolat ghal xi perjodu partikolari matul iz-zwieg imma kien evidenti fil-ftit snin li din il-koppja damet tghix flimkien.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddecidi l-kawza billi ghar-raguni hawn fuq moghtija tilqa' t-talba ta' l-attrici u tiddikjara li z-zwieg li gie celebrat fit-30 ta' April 2000 bejn il-kontendenti hu null u bla effett.

Spejjez kontra l-konvenut.

---

[2] Ara wkoll **Anna Galea vs John Walsh** deciza mill-istess qorti fit-30 ta' Marzu 1995.

**Tordna li kopja ufficjali ta’ din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex sabiex isiru l-annotazzjonijiet mehtiega fl-Att ta’ Zwieg relattiv.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------